MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1055/2002/3

**Mary u George Zammit**

**v.**

**Rosemary u Joseph Gonzi u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2008**
**il-gudizzju ghal Joseph Gonzi li miet fil-mori tal-kawza,**
**gie trasfuz f'isem l-armla tieghu Rosemary Gonzi**
**u Michael, Dr. Mariella Schembri Gonzi u John ahwa Gonzi**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provediment li qed jinghata fid-dawl tal-pregudizzjali li r-ritrattat ressaq ghar-rikors ta' ritrattazzjoni li pprezentaw l-atturi konjugi Zammit. Fil-qosor, li sehh f'din il-kawza huwa s-segwenti: f'Settembru tal-2002, l-atturi intavolaw kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn talbu l-esekuzzjoni ta' ftehim iffirmat fid-9 ta' Novembru, 1994. B'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu, 2007, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet in parte t-talbiet attrici. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u din il-Qorti (kif illum komposta), b'sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru, 2007, cahdet l-appell tal-konvenuti u rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti wara li laqghet l-appell incidentali tal-atturi. Il-konvenuti talbu r-ritrattazzjoni tal-kawza u din il-Qorti[1], b'sentenza tat-28 ta' Novembru, 2008, laqghet din it-talba u hassret is-sentenza li kienet inghatat fil-31 ta' Ottubru, 2007. Din il-Qorti, b'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2009, iddecidiet il-kawza fil-meritu, laqghet l-appell tal-konvenuti, hassret is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu, 2007, u cahdet it-talbiet attrici.

**2.** Issa, b'dawn il-proceduri, l-atturi qed jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza fejn qed jitolbu li tithassar is-sentenza li tat din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2009, u li din il-Qorti terga' tisma' l-appell mill-gdid – fi kliem iehor qed jitolbu ritrattazzjoni minn sentenza moghtija wara ritrattazzjoni.

**3.** Giet sollevata l-irritwalita` ta' dawn il-proceduri, a bazi tal-Artikolu 824 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jiddisponi li "ir-ritrattazzjoni ma tinghatx kontra sentenza moghtija f'gudizzju ta' ritrattazzjoni".

**4.** L-atturi ritrattandi jargumentaw illi dan l-artikolu jipprojbixxi ritrattazzjoni mis-sentenza li laqghet l-ewwel talba ghar-ritrattazzjoni (f'dan il-kaz, dik moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2008), izda ma tapplikax ghad-decizjoni fil-meritu li tkun tat il-Qorti wara smigh mill-gdid tal-kawza.

[1] Issa komposta mill-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo, Agent President, u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Abigail Lofaro.

**5.** Din il-Qorti ma tista' b'ebda mod taqbel ma' dan l-argument. L-Artikolu 824 imsemmi jipprojbixxi ritrattazzjoni kontra sentenza "moghtija f'gudizzju ta' ritrattazzjoni", u s-sentenza finali li tat din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2009, hija s-sentenza li nghatat f'gudizzju ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 811 tal-istess kodici, jiddisponi li, wara li tigi mhassra s-sentenza impunjata, il-kawza "tigi ritrattata", u s-sentenza li tinghata finalment, tinghata f'dak il-process ta' ritrattazzjoni. Kwindi, dak l-Artikolu, b'mod car, jipprojbixxi r-ritrattazzjoni ta' kawza li tkun giet deciza wara process ta' ritrattazzjoni. Dan bilfors li ghandu jkun hekk, ghax altrimenti jkun hemm il-possibilita` li l-kawza tkun tista' terga' tigi trattata jew ritrattata *ad infinitum*, li jmur kontra l-principju tal-finalita` li ghalih ittendi l-procedura.

L-Artikolu 821 tal-imsemmi kodici, hu veru, jikkontempla l-possibilita` ta' aktar minn ritrattazzjoni wadha, meta jghid li r-ritrattazzjoni ma tistax issir izjed minn darba wahda, "hlief ghal ragunijiet li jinqalghu wara l-ewwel talba", pero`, dan dejjem b'riferenza ghas-sentenza originali, u mhux ghas-sentenza moghtija wara ritrattazzjoni. Hekk, nghidu ahna, jekk parti sokkombenti titlob ir-ritrattazzjoni fuq il-bazi li s-sentenza ittiehdet bil-qerq tal-parti l-ohra (Artikolu 811(a)), jekk it-talba tigi michuda, mhux prekluza li terga' titlob ir-ritrattazzjoni jekk wara tiskopri dokument deciziv (Artikolu 811(k)), jew jigi deciz li s-sentenza originali kienet inghatat fuq provi ddikjarati foloz (Artikolu 811(j)). Il-prinicipju jibqa', pero`, li r-ritrattazzjoni, bhala rimedju straordinarju, hija permessa darba biss, u l-parti telliefa b'sentenza moghtija wara ritrattazzjoni tal-kawza, ma tistax tipprova hi terga' tiftah is-smigh tal-kawza ghal darb'ohra.

Din il-Qorti, ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-konvenuti ritrattati, u tiddikjara t-talba l-gdida ghar-ritrattazzjoni ta' din il-kawza maghmula permezz tar-rikors tat-22 ta' Jannar 2010 bhala irrita u nulla, u kwindi anke r-rikors irritu u null, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

L-ispejjez marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu mill-atturi solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------